MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Numru 503/2014

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit

vs

Terry Vidal

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 591885m akkuzat talli:

1. fl-20 ta' Frar 2014 f'hinijiet bil-lejl, waqt li kont fi Triq Liedna Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamilt hsara fuq vettura Toyota numru tar-registrazzjoni LCL 975 u hsara fuq stereo u/jew oggetti ohra ghad-dannu ta' Jesrena Sciberras mill-Fgura liema hsara ma tiskorrix € 1164.69 imma hi izjed minn € 116.47;

2. fl-istess cirkostanzi kkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jesrena Sciberras mill-Fgura skond ma ccertifika Dr Martin Mallia Reg 2299 mic-centru tas-sahha Floriana;
3. volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
4. hebbejt kontra Jesrena Sciberras mill-Fgura sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmlilha hsara;

Il-Qorti hi mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Jesrena Sciberras mill-Fgura u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat lill-imputat f'din l-ewwel udjenza mal-qari tal-akkuza jirregistra ammissjoni fuq liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghat lill-parti leza tiddikjara li l-imputat hallasha tal-hsara, meritu dawn il-proceduri u ghal kull bon fini kienet hafritlu u qeghdha tirrinunzja ghal kull haga rinunzjabbli.

Rat l-Artikolu 325(i)(b) u 338 (dd) tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal-sitt xhur mill-lum.

Fuq it-tieni u r-raba akkuzi, tiddikjara procediment ezawrit u tastjeni mill-hames akkuza.

Il-Qorti fehmet lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------